KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
HAL LIJA
TEL NO : 21416111 FAX : 21416941

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 50/2016

Data: 11 ta' Awwissu 2016

Hin: 5:00 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti:
***Magda Magri Naudi** – Sindku*
***Massimo Scerri** – Kunsillier*
***Dr. Marc Sant** – Kunsillier*
***Lorrianne Farrugia** - Kunsillier*
***Stephanie Cutajar*** - Viċi Sindku

***Georgette Borg** – Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Business Plan 2016 - 2018
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Korrispondenza;
6. VIP List

7. Affarijiet Oħra

8. Approvazzjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash

9. Aġġornament.

**Minuti - *50*/2016**

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-laqgħa bdiet fi 16.45p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 49 bid-data ta' 14 ta' Lulju 2016.

1.2 Fuq proposta tal-Minority Leader, Dr. Marc Sant sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 49 ġew approvati unanimament.

1.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, tkelmet fuq il-ġbir ta' skart nhar il-Festa fis- 6 t'Awwissu 2016 fejn il-kuntrattur ser jiċċarġjana *double the normal rate* peress li kellu jqabbad scammel ieħor peress li bdilna l-ħin tal-collection.

1.4 Hija qalet li fid-9 t'Awwissu l-iskart kien qed jinġabar fid-9.20a.m. minn Triq Eġidio Lapira, Ħal Lija. Għandu jiġi ndagat dwar dan.

1.5 Fuq 6.9 tal-Minuti fejn ġie ssuġġerit li jsiru żewġ sleeping policemen fi Triq id-Dejqa minħabba li l-karozzi qed jgħaddu bi speed qawwi, il-Kunsill kien qabel li għandha ssir talba lit-TM biex it-traffiku minn Triq Preziosi joħroġ il-barra biss. Is-Segretarju nfurmat li TM ma approvawx din ir-request imma l-anqas il-Kunsill ma approva li jsiru żewġ sleeping policemen.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkelmet fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu iktar kmieni dakinhar mal-MEUSAC.

2.2 Hija qalet il-Kunsill f'dan l-istadju l-iktar li jista' jieħu fondi u nfurmat li fil-laqgħa huwa fuq l-ERASMUS. Il-MEUSAC lesti li jgħinuna għal dan il-proġett u hemm opening f'Ottubru. Dan nistgħu nagħmluh b'konnessjoni ma' tal-banda San Pio X li diġa qegħdin f'dan il-proġett. Id- data ta' l-għeluq hija sa l-aħħar ta' Settembru.

2.3 Il-proġett huwa mifrux fuq ħames t'ijiem u jingħata allowance ta' €37 għal Malta kuljum u meta jmorru l-Italja jingħataw allowance ta' Eur39 għal kuljum. Din l-allowance ma tinkludix il-biljetti ta' l-ajru.

2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ser taħdem fuq dan il-proġett meta nirċievu l-informazzjoni kollha mingħand il-MEUSAC.

2.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lil Kunsill li mill-Majjistral Parks, Ħal Lija ġiet eliminata milli tista tapplika għal fondi peress li Ħal Lija ġiet identifikata li la hija rural u l-anqas urban.

2.6 Il-Manager tal-Majjistral Parks ser tkompli tappella din id-deċiżjoni.

2.7 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il- korrispondenza tas-Sinjura Mary Abdilla mid-DLG fuq il-bankina ta' Alley 2 Preziosi Street.

2.8 Is-Segretarju nfurmat li d-Dipartiment bagħtu għal kummenti tal-Kunsill wara li irċevew complaint li ressqet residenta minn Alley 2 Preziosi Street fuq il-bankina u li hija qed tgħid li hija proposta li tista' ssir.

2.9 Ġie kkonfermat mill-kunsilliera li wara li saret ir-request mill-Kunsill lit-TM biex jitwaħlu iktar bollards f'Mosta Road, ix-xogħol kien sar.

2.10 Is-Sindku qalet li hemm korrispondenza mingħand għalliema ta' l-Iskola sajf fejn għandha gruppi ta' tfal li jixtiequ jitilgħu fuq it-Torri, jaraw xi knejjes u anke saret talba biex isiru xi lezjonijiet għal kbar.

2.11 Tista' ssir lezjoni lit-tfal il-kbar minn Salvu Mifsud u anke jistgħu jinbiegħu xi kotba.

2.12 Is-Sindku staqsiet fuq korrispondenza li kienet waslet mingħand residenta fuq complaint ta' oil stick imma din ġiet solvuta.

2.13 Resident qed jagħmel request fi Triq N.Cottoner biex jiċkienu l-kaxxi s-sofor quddiem garaxx 45, dar 47 u garaxx 51 ħalli jkunu jistgħu jżiedu 2 parking spaces oħra. Iżda residenta li toqgħod fi dar 47, il-garaxx tagħha 45, ma tridx hekk għax inkella ma tkunx tista tidħol sew fil-kaxxa s-safra tagħha.

2.14 Il-Kunsill iddeċieda li jekk dan il-parking bay huwa skond il-liġi ma jista' jsir ebda tibdil għalhekk irid jiġi ċċekkjat.

2.15 Massimiliamo Debono Str faċċata 'Tulip' Appartments –Tneħħiet il-motorcycle bay u saru double yellow lines. Ir-residenti qed jitolbu li terġa ssir il-motorcycle bay għax ħolqot ħafna nkonvenjenza għal parking tal-karrozzi. Anke 2 residenti li għandom il-muturi ċemplu l -kunsill għax qed iħossuhom li mhux sew jipparkjaw f'post ta' karozza. Residenti qed jiffirmaw petition li ser jgħadduha lil Kunsill biex terġa ssir il-motorcycle bay.

2.16 Il-Kunsill iddeċieda li għandhon jitneħħew dawn il-linji u jerġa jsir il-motor cycle bay.

2.17 Is-Segretarju nfurmat li fi Triq Ġiuseppi Portelli fejn kien ġie deċis li jitneħħa parking bay u jsir motor cycle bay u fejn kien deċis li dan il-parking bay isir fil-kantuniera ta' bejn triq Ġiuesppi Portelli u triq Massimiliano Debono, TM approvaw il-motorcycle bay imma ma approvawx il-parking bay. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jagħmilx il-motorcycle bay jew iħallix il-parking bay.

2.18 Il-Kunsill iddeċieda li ssir l-motor cycle bay.

2.19 Residenta qed tagħmel request biex fil-bidu ta' Triq Santa Mansweta, inti u tielgħa lejn tal-Mirakli (minn fejn tgħaddi tal-linja) issir speed hump u forsi jsiru ukoll xi speed limit signs minħabba li ħafna karozzi qed jgħaddu bi speed qawwi. Qed jkun hemm periklu għar-residenti li jkunu għaddejin mit-triq.

2.20 Il-Kunsill ma qabilx li ssir speed hump imma approva li jsiru slow signs ma' l-art u qal li speed limit signs diġa jeżistu fir-raħal.

2.21 Resident qed jagħmel request biex fi Triq Annibale Preca ħdejn il-Madonna, jsiru 'cats eyes' jew minflok il-white lines jew ħdejhom. Dan għaliex qal li qed jsiru ħafna aċċidenti.

2.22 Ġie deċis li jinqalgħu l-'cats eyes' mill-pjazza li hemm fin-nofs fejn tintrama l-istatwa fuq request mir-residenti u jitwaħlu f'Annibale Preca u fir-roundabout fejn kienu twaħlu t-tlett bollards żgħar li kienu ttajru mill-karozzi.

2.23 Il-'cats eyes' li għandhom jinqalgħu mill-pjazza huma tat-triangle tan-nofs u jinqalgħu alternatively.

2.24 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Stephanie Cutajar qed jissuġġerixxu li jsiru żewġ bollards tal-plastic ħdejn il-barumbara fin-nofs tat-triq kif toħroġ minn Triq tal-Mirakli.

2.25 Resident fi triq id-Dejqa no 53, jixtieq li ssir bollard mal-faċċata tiegħu, biex karozzi li jkunu għaddejin minn dik it-triq ma jitilgħux fuq il-bankina biex jitnaqqas il-periklu lil familja tiegħu.Talab ukoll biex isiru l-parking bays fi triq

tiegħu.

2.26 Il-kunsill iddiskuta din ir-request u ra li jekk isiru parking bays ser ikun hemm inqas parkings. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġġerit li għandu jsir line wieħed abjad. Għandu jiġi kkonsultat il-Perit fuq dan.

2.27 Is-Segretarju nfurmat li wara li fil-Management Letter, l-Awdituri qalu li konna insured, l-Insurance bagħtu l-kwotazzjoni tagħhom li Pro-Rata additional Premium b'effett mill- 05 Lulju 2016 l-fuq u li tinkludi l-04 Diċembru 2016 hija ta' €873.66 (net of 5% discount) plus €96.20 duty plus €2.33 policy fee u l- Future Annual Premium ikun ta' €2,774.76 (net of 5% discount and excl. duty and policy fee).

2.28 Is-Segretarju nfurmat li dan l-ammont u l-ammont li kien diġa tħallas f'Diċembru li għadda ser jaqbeż il-procurement limit ta' direct order. Hija qed tistaqsi lill-Kunsill jekk għandnix nibqgħu kif aħna u tinħareġ kwotazzjoni ġdida f'Diċembru li ġej.

2.29 Il-Kunsill iddiskuta dan u għalkemm nistgħu inġibu kwotazzjonijiet oħra xorta trid tinħareġ kwotazzjoni permezz tal-website ta' e-tenders. Il-Kunsill iddeċieda li meta nerġgħu noħorġu kwotazzjoni fuq l-insurance naraw nistgħux ninkludu kollox, it-toroq u l-karozzi.

2.30 Għandha tinġieb direzzjoni mingħand l-Awditur stess u anke lid-Dipartment peress li l-Kunsill jixtieq jimxi kif suppost għalhekk qed tintalab direzzjoni.

2.31 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li kienet irċeviet korrispondenza mingħand il-Contracts Department fejn it-tender LLC T04 16 – Provision of legal services for Ħal Lija LC trid tiġi kkanċellata b'effett immedjat peress li għandha xi short comings.

2.32 Għandu jiġi ffissat appuntament fejn ser tattendi s-Segretarju u l-iskrivana li ħadmet fuq dawn l-e-tenders.

2.33 Is-Segretarju nfurmat ukoll li trid issir Adjudication tat-tenders li ser jgħalqu fid-29 ta' Awwissu. Il-Kuntratti li għandna bħalissa jiskadu fi 19 ta' Settembru u fi 20 ta' Settembru jridu jibdew il-kuntratturi l-ġodda. Minħabba li rridu nħallu 10 days għal-appell, l-adjudication tat-tenders trid issir bejn 30 ta' Awwissu – 2 ta' Settembru 2016. Peress li hemm aktar minn tender waħda l-adjudication aħjar titqassam fuq jumejn. Idealment il-kunsilliera jridu jkunu preżenti kollha.

2.34 Ġie deċis li l-adjudication ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu fil-5.00p.m. Għandha tintbagħat reminder lil kunsilliera b'din id-data u l-ħin.

2.35 Ġie mitlub minn xi residenti li fi triq Preziosi jitwaħħal doggy bin. Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet fakkret li jrid jinbidel id-doggy bin fi Triq tal-Mirakli. Għandu jiġi ndagat eżatt il-post fejn irid jitwaħħal id-doggy bin fi Triq Preziosi. Dawn għandhom jiġu ordnati wara li jinġiebu kwotazzjonijiet.

2.36 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qajmet il-punt li l-Kunsill approva Reserved parking għal disabled fi Triq Sant Andrija meta r-residenta għandha garaxx eżatt mad-dar.

2.37 Is-Segretarju nfurmat li TM qabel ma japprovaw reserved parking jiċċekjaw jekk ir-resident għandhux garaxx jew le. Għandhu jiġi ċċekjat fuq dan il-każ mat-TM.

2.38 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet qalet li r-reserved parking ta'Triq Annibale Preca għandhu jitneħħa peress li r-residenta li kienet applikat għalih m'għandix bżonn tagħmel aktar użu minnu.

2.39 Għalkemm din qed tintuża minn xi ħadd ieħor, li ma applikax mat-TM għalhekk din trid titneħħa u r-resident li għandhu bżonnha jrid japplika hu stess.

2.40 Is-Segretarju nfurmat li sat-12 ta' Awwissu 2016, il-kunsill irid jagħti risposta jekk għadux interessat li jieħu sehem fil-proġett ta' l-upgrading tal-public convenience bil-proġett tal-PPP.

2.41 Il-Kunsill qabel ma' dan u għandna naċċertaw ruħna li l-latrina tal-Ġnien Ċentru Rekreattiv hija nkluża f'dan il-proġett peress li hija l-unika latrina li hija aċċessibbli għal disabled, li l-Kunsill mhux ser joħroġ ebda fondi u biex tingħata

iktar informazzjoni fuq il-proġett.

## 3. Business Plan 2016 - 2018

3.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Allocation għas-sena 2016 flimkien ma' lista ta' spejjeż li l-Kunsill bejn wieħed u ieħor ikollu fis-sena.
3.2 Wara li ġew irranġati xi spejjeż li ma kienux eżatti ġie stabbilit li l-Kunsill qed jonfoq inqas minn dik is-somma li hija allokata fis-sena.
3.3 Is-Segretarju infurmat li r-raġuni li qegħdin f'deficit hija minħabba creditors li jinkludu anke l-PPP.
3.4 Is-Segretarju staqsiet lil Kunsill jekk nistawx nagħmlu business plan b'din is-scenario.
3.5 Il-Minority Leader qal li rridu naraw jekk hux qegħdin nimxu skond l-allokkazjoni anke fejn jidħlu kuntratti. Il-Kunsill dejjem għażel l-irħas kuntratt.
3.6 Is-Sindku qalet li kif qalu l-Awdituri u d-Dipartiment irridu naraw kif ser innaqsu iktar spejjeż.
3.7 Is-Segretarju qalet li qed nonfqu biss l-inqas li nistgħu nonfqu u proġetti kbar ma nistgħux nagħmlu.
3.8 Nistgħu innaqsu l-ispejjeż mill-kera tal-premises imma trid tinstab alternattiva.
3.9 Reġgħet issemmiet l-idea tal-Container premises u s-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi idejat oħra.
3.10 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsilliera li l-Awditur qal li qabel jitħallas il-proġett tal-PPP kollu, il-Kunsill ser jibqa' b'deficit.
3.11 Il-Kunsill irid jara kif ser inżiedu d-dħul ta' iktar fondi.
3.12 Fuq il-bye-laws, s-Segretarju nfurmat li reġgħet batgħet li l-Avukat Mariella Silvio id-dokumenti li talbet.
3.13 Is-Sindku, ikkonkludiet li l-Business Plan u anke r-rapport lid-Direttur għandu jgħid li l-Kunsill m'hu ser jagħmel xejn ħlief iħallas kuntratti għalkemm il-Kunsill il-prijorita tiegħu hi li jixtieq jagħmel restoration tat-Torri imma jekk ma jieħux fondi dan ma jistax jagħmlu u anke tisbieħ ta' Transfiguration Avenue.
3.14 Is-Sindku tkelmet fuq in-Notices li twaħlu mill-MEPA fuq il-proġett ta' l-isqaqin u lir-residenti għandna nfehumhom li dan isseħħ biss jekk nieħdu l-fondi kollha għal dan il-proġett.
3.15 Kien ġie deċiż mal-Perit li ssir l-applikazzjoni għall-isqaqin kollha imma l-Kunsill mhux ser jagħmel l-isqaqin li għadhom tajbin.

## 4. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qasmet mal-Kunsill aħbar sabiħa fejn hija tkelmet mal-Prim Ministru u qaltlu li fit-2012 il-Kunsill kien applika għall-iskema ta' Upgrading tal-komun tal-Housing Estate. Hija qaltlu li minn dakinhar kollox kien wieqaf. Wara li sar appuntament mal-Ministru konċernat ġiet infurmata li ser jingħataw fondi Eur5,000 għal kull komun. Irridu nipprovdu x-xogħolijiet li hemm bżonn li jsiru, firem tar-residenti u l-Group leaders ta' kull blokka. Wara jiġi l-Perit tal-Housing jiċċekja u jivverifika ix-xogħolijiet, isir l-kuntratt u jiġi

iffirmat mill-Kunsill. Il-Ministeru infurmha li mportanti li leaders ta' kull blokka jsibu huma n-nies jew kuntratturi li jkunu ser jaħdmu u dawn jitħallsu minn dawn il-€5,000 li ser jingħataw. Il-Perit tal-Housing irid jara l-priorities li hemm bżonn f'kull blokka.

4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ser tiġi l-Kunsill tagħmel kuntatt mal-leaders ta' kull blokka u tiġi aġġornata l-lista tal-firem għax qabel ma tinġabar il-lista bil-firem, il-kuntratt ma jistax isir.

4.3 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq xi karozza abbandunata, huwa irraportha lil- LESA u lill- pulizija u dawn kellhom jindagaw fuq dan il-każ.

4.4 Il-Minority Leader reġgħa fakkar fuq ir-refreshing ta' linji fir-raħal. Dawn biex jagħmluhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

4.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq ir-railing li kien inqalgħa ħdejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti peress li dan qatt ma kien reġa twaħħal.

4.6 Is-Segretarju kienet infurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill ma setgħux iwwaħlu dan ir-railing peress li kellhom bżonn il-welding set. Iridu jinġiebu kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

4.7 Is-Sur Massimo Scerri reġgħa fakkar fuq il-parking bays ta' Triq Giuseppe Cali. Dawn qegħdin mal-lista pendenti ta' xogħolijiet lill-Perit.

4.8 Il-Minority Leader tkellem fuq l-istorbju li żgħażagħ qed jagħmlu fil-ġnien. Għandha ssir request lil Pulizija biex jissorveljaw il-ġnien ta' sikwit għal ħabta tat-8.00p.m.

4.9 Il-Minority Leader issuġerixxa li għandna nistaqsu lill-IPSL biex naraw jekk nistgħux ikolna lil xi ħadd li jiftaħ u jgħalaq il-playarea ż-żgħira. Huwa għandu jikkuntattja lil tal-IPSL.

4.10 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant semma ukoll li għandna nerġgħu nitkellmu mal-University Residence minħabba l-istorbju u dagħa li qed jagħmlu r-residenti tal-University Residence.

4.11 Is-Segretarju nfurmat li kienet diġa tkelmet magħhom fuq dan l-ilment is-sena l-oħra imma kien fl-aħħar tas-sajf. Hija qalet ukoll li ilha tibgħat e-mails u ċċempel fuq il-pruning tas-siġar u t-tappiera li qeda fuq il-bankina quddiem il-bieb tal-garage tagħhom.

4.12 Għandu jerġa' jiġi kkuntatjat is-Sur Schinas b'dawn il-complaints.

4.13 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li huwa bagħat l-email li l-konsulent tas-siġar bagħtlu rigward is-siġar taċ- Ċentru Rekreattiv u tal-Ġnien tal-Mirakli. Huwa qal li prezzijiet ma kienx hemm pero ta' l-parir tiegħu.

4.14 Il-kunsilliera jekk iridu jistgħu jagħtu l-views tagħhom fuq il-parir li tana l-konsulent

4.15 Is-Segretarju nfurmat li x-xogħol tal-ħajt fi Triq tal-Mirkali kantuniera ma' Triq Il-Mitħna fejn hemm l-bieb qed isir mill-Ministeru ta' l-Infrastructure.

4.16 Is-Segretarju nfurmat li wara li saret ir-request lir-Reġjun Ċentru biex jingħataw ħaddiema biex isiru xi xogħolijet, saret laqgħa ma' l-uniċi żewġ ħaddiema li hemm jaħdmu.

4.17 Is-Segretarju nfurmat li hija ppreżentatilhom il-lista ta' xogħolijiet li hemm propost. Huma qalu li xogħolhom huwa li jgħinu lill-ħaddiema tal-IPSL għax l-anqas għodda m'għandhom. Huma ser jirranġaw il-bankijiet, il-fence u l-Gazebo. Huma qal li l-aktar li jaħdmu huwa fil-ġonna.

4.18 Huma ser jiġu jaħdmu wara li jlestu xogħolijiet f'San Ġiljan u tas-Sliema.

4.19 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa għaliex il-Pjazza kienet miftuħa fil-4 t'Awwissu. Il-pulizija kienu responsabli li jgħalquha. Għas-sena d-dieħla rridu ninfurmaw lil Pulizija biex il-Pjazza tingħalaq mit-3 t'Awwissu mir-residenza tas-Sur Arpa l-fuq.

4.20 Il-kunsilliera ddiskutew fuq il-permessi tal-kiosks li bejn wieħed u ieħor ma kienx hemm problemi kbar.

4.21 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa ghaliex thallew jipparkjaw il-karozzi ezatt mal-kiosks. Dawn il-karozzi kerhu it-triq.

4.22 Is-Segretarju infurmat li dejjem hekk isir pero ghas-sena d-diehla irid jigi decis x'azzjoni trid tittiehed

4.23 Il-Minority leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk il-Contracts Manager, meta kien qed jiccekkja, sabx imwejjed u siggijiet extra.

4.24 Is-Segretarju infurmat li tal-Villagg fi Triq il-Forn u l-Kazin tal-Labour hargu imwejjed u siggijiet iktar milli kellhom fil-permess.

4.25 Wara li gew ikkuntatjati, dawn ghamlu permess u halsu ghalihom

4.26 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa ghall-'income' totali ghall-imwejjed u siggijiet ghal zmien il-festa.

4.27 Is-Segretarju infurmat li din l-informazzjoni kienet diga giet mghoddija lill-kunsill imma ser terga tigi mghoddija.

4.28 Għandhom ukoll jiġu ordnati iktar bins, peress li ma kinx hemm biżżejjed u l-iskart irid jinġabar kmieni. Għandna nieħdu feedback mingħand ir-residenti fuq l-aħjar ħin.

4.29 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex imorru Ta' Senna u jaraw l-ħajt li nbena mill-Kuntrattur ta' Villa Francia. Il-kuntrattur qed jgħid li dan il-ħajt inbena kif kien instab qabel waqqawh. Irid jerġa jiġi kkuntatjat il-kuntrattur biex dan il-ħajt jitranġa.

4.30 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għad trid tagħmel kuntatt ma' l-ELC biex tkellimhom fuq is-siġar f'Ta Senna.

4.31 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet request li f'Hal Mann u Sqaq Ta' Seguna irid jinqagħta l-ħaxix. Dan ix-xogħol għandu jgħaddi għand il-kuntrattur biex tittiehed azzjoni.

4.32 Is-Segretarju infurmat li €9,000 li l-Kunsill irċieva mingħand il-GreenPak iridu jiġu depożitati fil-Bank minn fejn ħarġu u ma jistgħux jintefqu għal ebda ħaġa oħra ħlief biex jitħalsu l-kredituri.

4.33 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-hajt f'Tal-Mirakli f'Annibale Preca kantuniera ma' Triq Il-Mithna. Huwa qed jistaqsi jekk dan huwiex privat jew pubbliku. Huwa qal li kien baghat e-mail lill-Kunsill fuq dan, imma ma kienx ircieva risposta.

4.34 Is-Segretarju infurmat li kienet ghaddiet informazzjoni fil-laqgha tal-Kunsill ta' Lulju 2016, fuq dan il-hajt perikoluz u l-bieb.

4.35 Hija infurmat li kien gie skopert li dan il-hajt perikoluz u l-bieb kienet ir-responsabbilta ta' Dipartiment ta' l-Infrastruttura ghalhekk Il-Kunsill irraporta lilhom u x-xoghol sar.

4.36 Hija infurmat lil Dr.Sant li kienet diga ghaddiet din l-informazzjoni b'e-mail fl-ahhar t'Awwissu u fil-bidu ta' Settembru.

4.37 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant ressaq suggeriment minghand resident biex it-Triq fejn xi darba kien hem mil-Bring-in-sites ssir two way.

4.38 Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment minhabba l-farm.

## 5. Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti u tal-petty cash

5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u tal-Petty Cash.

5.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collecton Ltd fuq il-kuntratti tal-knis u l-garbage collection.

5.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar l-iskeda tal-ħlasijiet flimkien ma' tal-petty cash ġew approvati.

## 6. Aġġornament

6.1 Ġie deċis li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2016 fil-5.30p.m.

6.2 Is-Seduta ntemmet f'19.30 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Magda Magri Naudi*** | ***Georgette Borg*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |